# William James Worley

## (1909-1971)

## *L-Ewwel Surmast tal-Banda San Ġużepp*

**Kitba ta' Joe Julian Farrugia**

Familji mużikali ssib minn żmien għall-ieħor. Issib familji fejn ikollok min ikanta u min idoqq. Ġieli ssib ukoll familji li kapaċi jgħaqqdu grupp mill-membri ta' l-istess familja. Dan jista' jiġri għax kollha jkunu jdoqqu strumenti differenti. Dan il-każ partikolari huwa differenti. Is-Surmast William James Worley mhux biss ġej minn familja mużikali, iżda minn familja fejn kulħadd idoqq l-istess strument: il-kurunetta.



Mro. William James Worley

William James Worley twieled il-Birgu nhar is-7 ta' Lulju 1909. Huwa kien l-uniku tifel u kellu sitt ħutu bniet, ulied William Lancashire fl-Ingilterra u Concetta mwielda Demanuele f'Istanbul it-Turkija. William James kien jattendi d-*Dockyard School* u wara kien daħal it-Tarzna bħala *boiler maker*. Aktar tard kien mar skrivan fl-i*stores* ta' l-istess azjenda.

Il-mużika kienet ilha fil-familja Worley. Kemm missieru William kif ukoll zijietu kienu jdoqqu l-kurunetta. Mhux ta' b'xejn li ċ-ċkejken William James beda jitgħallem minn ċkunitu, u għażel il-kurunetta. Ta' 15-il sena ħareġ idoqq mal-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, fejn kienet marret togħgħod il-familja tiegħu wara li ħalliet il-Birgu. Ta' għoxrin sena kien sar assistent surmast ma' l-istess banda u meta kien irtira s-Surmast A. Micallef, William James kien għamel xi żmien surmast direttur. Huwa kompla jistudja l-armonija, il-kontrapunt u l-pjanu taħt is-Surmastrijiet Abdilla, Galea u Bugeja. U mhux hekk biss, għaliex kien jieħu korsijiet bil-korrispondenza mal-*Victoria College of Music* ta' Londra u ma' l-*U.S. School of Music* ta' New York. Dawn il-korsijiet kollha temmhom b'suċċess.



Mro. Worley jidderieġi waħda mill-baned tiegħu.

Huwa kien assistent surmast mal-Baned Prince of Wales tal-Birgu u L-Unjoni ta' Ħal Luqa. Kien ukoll surmast tal-Banda Maria Mater Gratiae ta' Ħaż-Żabbar. Fl-1949 kien waqqaf banda ġdida f'Ħal Kirkop; il-Banda San Ġużepp. L-aħħar banda li mexxa, u baqa' jmexxiha sa mewtu kienet il-Banda San Ġorġ ta' Bormla. Infatti William James kien sar residenti f'Bormla wara li kien qatta' xi żmien iż-Żejtun matul il-gwerra. Is-Surmast Worley kien ukoll kompożitur ta' ħila. Minbarra għadd ta' arranġamenti għall-baned ta' mużika ta' kompożituri kbar, kien jikteb ukoll xogħlijiet oriġinali. Il-kitba tiegħu hija melodjuża u mimlija emozzjoni. Ta' min isemmi l-marċ funebri *Ai Caduti del Sette Giugno*, il-*Victory March* li kiteb fl-1943 għall-okkażjoni taż-żjara tar-Re Ġorġ VI f'Malta. Iżda l-akbar xogħol li kien favorit tal-kompożitur stess, kien il-*Fantasia Originale*. Jista' jkun li dan ix-xogħol kien il-favorit għaliex hemm parti kbira minnu li tindaqq minn kurunettista solista. Il-kurunetta dejjem baqgħet l-aktar strument għal qalb Worley.

Is-Surmast Worley għallem għadd kbir ta' bandisti. Huwa veru li kollha jsemmu d-dixxiplina kbira u s-serjetà li biha kien jieħu l-lezzjonijiet, iżda kollha ħarġu bandisti tajbin u wħud minnhom illum saru wkoll surmastrijiet.

William James kien iżżewweġ lil Frances imwielda Pace Testaferrata miż-Żejtun. Huma kellhom żewġ ulied; Joseph li miet żgħir u Doris. Lil bintu William

James kien beda jgħallimha l-mużika minn età żgħira. Fil-fatt Doris kienet l-ewwel bandista femminili Maltija meta fis-snin sittin kienet ħarġet iddoqq il-kurunetta mal-Banda Maria Mater Gratiae. Kellha wkoll *jazz group* bl-isem ta' *Flamingoes*, u magħhom kienet iddoqq f'għadd ta' okkażjonijiet. Kienet ukoll pjanista mal-Grupp ta' Harry Brown. William James ma tantx kien iħobb dik it-tip ta' mużika, iżda l-għeruq mużikali li żera' f'bintu ma kellhomx truf. Doris kienet bdiet ukoll tagħti t-tagħlim meta twaqqfet il-Banda ta' San Ġwann u kienet anke kaxxiera fil-kumitat. Binha, James Scerri Worley u allura neputi ta' William James, idoqq il-vjolin ma' diversi gruppi u huwa wkoll direttur ta' l-orkestra tal-Kunsill ta' San Ġwann.



*Il-funeral ta' Mro. William J. Worley fix-xatt ta' Bormla, akkumpanjat mill-Banda San Ġorġ.*

Bħala passatempi, William James kellu l-mużika biss. L-isport ma kien iħobbu xejn u kulma kien jagħmel fil-ħin ħieles dejjem b'xi mod kellu rabta mal-mużika. Kien joqgħod jaqra biografiji ta' kompożituri jew idur *magazines* dwar kif ikunu marru l-opri fl-aqwa teatri. Kien iħobb ukoll jieħu lil bintu ċ-ċinema, iżda kien imur għal qalbu meta l-*film* ikun jitratta xi ħaġa mużikali. Bħala kompożitur favorit kellu lil Wagner, u Verdi kien jiġi fit-tieni post.

William James kellu karattru sod u dixxiplinat ħafna. Kont tarah fit-triq u jġiblek sudizzjoni, imma mbagħad meta tkellmu tinduna kemm hu bniedem minn tagħna. U speċjalment għall-mużika kien rett u kellu paċenzja kbira. Infatti meta kien waqqaf il-banda f'Ħal Kirkop, 'il fuq minn 50 sena ilu, irnexxielu jgħallem il-mużika lil ħafna bdiewa u nies tal-barrieri li ftit kienu jafu jiktbu u jaqraw. U sadanittant, bil-paċenzja kollha rnexxielu, u tant ħarġu bandisti tajbin li wara bdew idoqqu wkoll ma' l-aqwa baned.

Ċajta kien iħobbha, iżda mhux waqt il-mużika! Il-mużika kienet tabilħaqq sagra għalih. U għax kulħadd kien jaf kemm kien jieħu l-mużika bis-serjetà, darba ġratlu biċċa u kellhom jaraw kif idawruhielu. Mela dan William James kien jibża' ħafna mill-wirdien. Darba kien qiegħed jidderieġi programm mużikali ġewwa Ħaż-Żabbar u kien liebes libsa ntiera bajda, għax fis-sajf kien iħobb jilbes l-abjad u fix-xitwa kien jippreferi l-iswed. F'ħin minnhom, waqt li kien għaddej imexxi l-banda, taret wirdiena kbira u waqfet fuq dahru. Fuq il-ġlekk l-abjad, il-wirdiena dehret ħafna u n-nies li kienu qed isegwu l-programm indunaw biha. Kien hemm sieħbu li kien attent ħafna u induna x'seta' jiġri kienu s-surmast induna. Għalhekk wara li ntemmet dik il-biċċa mużika, mar ħdejn is-Surmast Worley u tah daqqa fuq dahru. Il-wirdiena telqet, iżda s-surmast ma setax jifhem għala qala' dik id-daqqa. L-ieħor kien pront qallu li għamel hekk biex jifraħlu. William James xorta ma setax jifhem u beda jgħid "Dan miġnun!" Kien wara li għadda xi żmien li qalulu x'kienet ir-raġuni.

Is-Surmast William James Worley kien ħerqan li malli jirtira mix-xogħol jiddedika ħinu għall-mużika, iżda ftit gawda l-irtirar għax miet nhar it-2 ta'Frar 1971 fl-età ta' 61 sena. Il-Banda San Ġorġ ta' Bormla akkumpanjatu fil-funeral tiegħu kif kien wera x-xewqa hu stess.

Sunny Aquilina, student tas-Surmast Worley, kiteb din il-poeżija b'apprezzament:

Bħal meta melodija
Timsagħha war' tant snin
U terġa' ġġib il-ħajja
Ta' tifkiriet ħelwin...

Hekk ġrali jien u nqalleb
U naqra il-kitbiet
Ta' bniedem li għex ħajtu
Għall-mużika li fih ġriet.

Ma' demmu w fir-ruħ sewwa
Ta' das-Surmast ġenwin
Kien jgħożż dik l-armonija
Li jgħixu l-imgħallmin!

Niftakru jikkunċerta
L-programmi; jrid il-ħlew,
Jgħidilna "Poġġu qalbkom
Fix-xoffa għad-daqq sew!"

U jtiru moħħu w qalbu
Mal-mużika tan-nies kbar,
L-aħjar jieħu, kemm jista'
U aħna sirna aħjar...

U s-snin għaddew bħal ħolma
Minn ħajtu, mill-mistrieħ
Imm' għadu ħaj fi qlubna
U f'dat-tifkiriet sbieħ!